

# PARIRI DWAR KIF TINDIRIZZA L-ISFIDI LI JIFFAĊĊJAW L-ORGANIZZATURI TAD-DIMOSTRAZZJONIJIET

Awtur(i): Ellen Bulten, Delphine Neumeister
Kontributur(i): Laure Triste, Cynthia Giagnocavo, Herman Schoorlemmer



Fit-tabella, nagħtu ħarsa ġenerali lejn il-mistoqsijiet li ħarġu fil-proġett NEFERTITI fost il-prattikanti waqt li organizzaw id-dimostrazzjonijiet tagħhom. Bi tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet, nipprovdu pariri prattiċi dwar kif tindirizzaw dawn il-mistoqsijiet u/jew eżempji ta' kif tista' tuża dawn il-mistoqsijiet emerġenti biex tifformula għanijiet li għandhom jiġu mmirati.

Ninkoraġixxu b'mod qawwi li l-organizzaturi tad-dimostrazzjoni jaraw l-eżempji tal-għanijiet fir-raba' kolonna tat-tabella. Kif se tinnota, dawn l-għanijiet huma mmirati fil-**proċess** tal-organizzazzjoni tal-avvenimenti tad-dimostrazzjoni. Dawn huma wkoll speċifiċi biżżejjed li jkunu jistgħu jiġu ġestiti u mogħtija tweġibiet. Billi jistabbilixxi tali għanijiet dwar il-proċess tal-organizzazzjoni tad-dimostrazzjonijiet, it-tim ta' organizzazzjoni jista' ħafna iktar faċilment jevalwa, jitgħallem u jtejjeb id-disinn tad-dimostrazzjonijiet futuri.

Ovvjament, dawn l-għanijiet iservu bħala *eżempji*; it-tim ta' organizzazzjoni jista' jużahom bħala spirazzjoni jew, jekk applikabbli, jaġġustahom skont il-kuntest speċifiku tagħhom. Meta tifformula l-għanijiet tiegħek stess, żomm f'moħħok il-mistoqsijiet: **xiex, fejn, kif u meta**? Billi tagħmel dan, tifformula għanijiet li huma speċifiċi. Żomm f'moħħok ukoll li għal avveniment wieħed ta' dimostrazzjoni, tista' tifformula iktar minn għan wieħed. Pereżempju, tista' tifformula għan għall-preparazzjoni tad-dimostrazzjoni, matul id-dimostrazzjoni u wara d-dimostrazzjoni. Jew tista' tagħżel uħud mill-kategoriji (kolonna 1) u tifformula għanijiet dwar ftit mill-kategoriji għal avveniment wieħed ta' dimostrazzjoni.

| KATEGORIJA | MISTOQSIJA EMERĠENTI | PARIRI | EŻEMPJI TA' GĦANIJIET |
|---|---|---|---|
| **GĦAN U UDJENZA FIL-MIRA** | Kif **tilħaq l-udjenza fil-mira?** | • Uża listi ta' indirizzi elettroniċi mingħand bdiewa ta' gruppi assoċjati li tista' taħdem magħhom.<br>• Uża listi uffiċjali ta' indirizzi elettroniċi (eż. minn korpi governattivi).<br>• Uża gruppi ta' WhatsApp (speċjalment jekk il-membri tagħhom huma grupp fil-mira speċifiku bħal bdiewa interessati f'agrikoltura bi preċiżjoni).<br>• Uża n-netwerks tal-konsulenti.<br>• Uża Twitter biex tilħaq pubbliku iktar ġenerali.<br>• Uża LinkedIn biex tistieden professjonisti bħal konsulenti, dawk li jfasslu l-politika, riċerkaturi (ipprowstja wkoll stedina fi kwalunkwe gruppi ta' LinkedIn li tista' tkun parti minnhom biex timmira lejn grupp speċifiku)e<br>• Uża gruppi ta' Facebook rilevanti biex timmira lejn udjenza speċifika (eż. grupp fejn il-parteċipanti jaqsmu informazzjoni dwar makkinarju speċifiku).<br>• Il-formulazzjoni ta' għanijiet ċari u speċifiċi tista' tagħmilha iktar faċli biex tiddetermina min għandha tkun l-udjenza fil-mira tiegħek. | |
| | Kif **tattira (bizzejjed) parteċipanti** b'interess fis-suġġett tad-dimostrazzjoni? | | L-għan għall-avveniment tad-dimostrazzjoni X huwa li tattira 30 persuna li huma interessati fil-kultivazzjoni assoċjata.<br><br>*Irrifletti wara dwar x'għamilt biex tikseb dan l-għan. Ksibtu l-għan tiegħek? Jekk iva: kif attirajt lil dawn in-nies, permezz ta' liema kanali sibthom, eċċ.?* |
| | Kif **timmira lejn dawk li jfasslu l-politika** għal avveniment ta' dimostrazzjoni? | • Itlob għajnuna minn WP6 dwar kif tinvolvi lil dawk li jfasslu l-politika b'mod attiv.<br>• Inkludi politika agrikola (speċifika) bħala suġġett fid-dimostrazzjoni tiegħek (eż. PAK, ekoskemi, eċċ.).<br>• Dawk li jfasslu l-politika jistgħu jkunu iktar ħerqanin li jingħaqsu jekk ikun hemm avveniment kbir, madwar żmien l-elezzjoni u meta jkun hemm l-istampa preżenti f'avveniment.<br>• Ipprova ibgħat stedina personali (minflok ma tibgħat posta elettronika fuq info@...).<br>• Ikkollabora ma' oħrajn li diġà stabbilew relazzjonijiet ma' dawk li jfasslu l-politika (eż. gruppi tal-bdiewa jew organizzazzjoni ta' konsulenza).<br>• Agħmel il-valur ta' NEFERTITI ċar ħafna fi stediniet għal dawk li jfasslu l-politika.<br>• Kun żgur li jkun hemm parteċipanti oħra li huma ta' interess għal dawk li jfasslu l-politika (eż. kap ta' organizzazzjoni ta' konsulenza). | |

| KATEGORIJA | MISTOQSIJA EMERĠENTI | PARIRI | EŻEMPJI TA' GĦANIJIET |
|---|---|---|---|
| **GĦAN U UDJENZA FIL-MIRA** | Kif **tiddetermina l-interess u l-profil** tal-grupp fil-mira? | | Fl-ewwel dimostrazzjoni tagħna ta' din is-sena, se nistaqsu mill-inqas 20 bidwi organiku biex jimlew stħarriġ menti meter veloċi (**mentimeter.com**) dwar l-interessi u l-profil tagħhom.<br><br>*Irrifletti dwar l-eżiti tal-istħarroġ u agħmel konklużjonijiet dwaru għal dimostrazzjonijiet futuri. Irrifletti: dan ħadem? Il-parteċipanti huma verament interessati? Eċċ.* |
| **RAZZETT TA' DIMOSTRAZZJONI** | **Kif** timmotiva lill-bdiewa **biex jospitaw avveniment ta' dimostrazzjoni?** | Kun żgur li jkun hemm inċentiv għall-bidwi ospitanti biex jikkollabora miegħek: x'ħa jieħu minnha hu? | |
| | Kif **tikkordina aħjar** ma' avvenimenti oħra li huma għaddejjn? | | Matul din is-sena tad-dimostrazzjoni, se nikkollaboraw ma' mill-inqas proġett wieħed tal-UE rilevanti ieħor u avveniment lokali wieħed organizzat minn grupp ta' bdiewa.<br><br>*Irrifletti dwar kif wettaqt dawn il-kollaborazzjonijiet, x'tgħallimt, x'mar tajjeb, x'mar ħażin, jekk dawn il-kollaborazzjonijiet kellhomx valur? Għaliex?* |
| | Nistgħu naqsmu **eżempji tal-aqwa prattika** ta' bdiewa żgħażagħ ispiranti, entrati ġodda, volontiera ġodda fir-razzett u konsumaturi ġodda fir-razzett? | | Se norganizzaw sessjoni fuq Skype ma' organizzaturi oħra ta' dimostrazzjonijiet kull xahrejn biex naqsmu l-aqwa prattiki, pariri prattiċi u esperjenzi.<br><br>*Aqsam dawk l-eżempji tajba mal-pari/kollegi tiegħek!* |
| | Kif nistgħu **nsibu bdiewa spirazzjonali?** | • Uża l-konnessjonijiet tiegħek stess biex titlob pariri: pereżempju minn esperti agrikoli, konsulenti, riċerkaturi oħra.<br>• Kunż żgur li tibni xi tip ta' relazzjoni mal-bidwi ospitanti qabel l-avveniment. | |

| KATEGORIJA | MISTOQSIJA EMERĠENTI | PARIRI | EŻEMPJI TA' GĦANIJIET |
|---|---|---|---|
| **TWAQQIF TAD-DIMOSTRAZZJONI** | Kif tagħmel **skeda ta' żmien**tajba għal dimostrazzjoni? | Jista' jkun utli li tagħmel kemm skeda ta' żmien (ħarsa ġenerali ta' xiex u meta) u kitba (elaborazzjoni ulterjuri ta' min jagħmel xiex, fejn, meta, f'liema ordni, x'jgħid, x'għodod juża, eċċ.) bħala preparazzjoni għal avveniment.<br><br>Il-kondiviżjoni ta' skeda ta' żmien/kitba ma' kull min hu involut jista' jkun mod kif tevita komunikazzjonijiet żbaljati u tkun żgur li kulħadd ikun jaf x'inhu mistenni minnhom.<br><br>*Għandek mudell tajjeb għal skeda ta' żmien/kitba? Aqsam affarijiet mal-pari/kollegi tiegħek!* | Bi preparazzjoni għal avveniment ta' dimostrazzjoni X, se noħolqu skeda ta' żmien dettaljata bi speċifikazzjoni tal-ħin, post, ir-rwoli u n-neċessitajiet.<br><br>*Evalwa wara l-avveniment: x'kien utli u x'ma kienx? X'taħseb li għandu jinbidel darb'oħra?*<br>*Agħmel konklużjonijiet għal avvenimenti futuri.* |
| | Kif torganizza **avvenimenti iktar interattivi?** | | Matul id-dimostrazzjoni X, il-ħin għall-preżentazzjonijiet se jkun limitat għal 10 minuti, se norganizzaw mill-inqas 3 attivitajiet differenti matul l-avveniment u nevalwawhom.<br><br>*Irrifletti fuq it-tipi ta' attivajiet li organizzajt u kemm marru tajjeb. Agħmel konklużjonijiet għal avvenimenti futuri.* |
| **PROMOZZJONI** | Kif tilħaq **udjenza fil-mira?** | Uża kanali ta' disseminazzjoni speċifiċi jekk trid timmira lejn udjenza speċifika (eż. bdiewa organiċi). | Qabel l-avveniment ta' dimostrazzjoni X, se nirriċerkaw komunikazzjoni adattata u kanali ta' disseminazzjoni sabiex nilħqu l-udjenza fil-mira A u se nagħmlu stħarriġ veloċi fl-aħħar tal-avveniment biex nistaqsu kif il-parteċipanti saru jafu dwar l-avveniment. |
| | Kif tista' **tuża l-midja soċjali** biex tinvolvi lin-nies? | | Qabel l-avveniment ta' dimostrazzjoni X dwar ditezzjoni prossimali tal-ħamrija, se nużaw il-pjattaforma tal-midja soċjali Y biex nistiednu lil parteċipanti għall-avveniment kif ukoll ninvolvuhom billi nagħmlu mistoqsijiet /dikjarazzjonijiet.<br><br>Matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni X se nagħmlu live stream (ta' partijiet) tal-avveniment fuq Facebook u ninvolvi parteċipanti online fiċ-chat.<br><br>Wara l-avveniment tad-dimostrazzjoni X, se nkomplu d-diskussjoni u l-iskambju tal-għarfien dwar ditezzjoni prossimali tal-ħamrija fuq il-midja soċjali u nitolbu feedback mingħand parteċipanti online u dawk "live".<br><br>*L-eżempji ta' hawn fuq juru kif tista' tifformula għanijiet għall-preparazzjoni ta' avveniment, matul avveniment u wara l-avveniment. Wara, tista' tiddeskrivi fil-qosor kif użajt il-midja soċjali u tevalwa suċċessi, fallimenti, lezzjonijiet, eċċ.* |

| KATEGORIJA | MISTOQSIJA EMERĠENTI | PARIRI | EŻEMPJI TA' GĦANIJIET |
|---|---|---|---|
| **PROMOZZJONI** | Kif tagħmel l-aqwa użu mill-**kanali tal-midja soċjali?** | Uża kanali multipli biex tattira folla diversa (eż. f'termini ta' età).<br><br>Eżempji: uża gruppi ta' twitter, Facebook u WhatsApp biex tinforma lin-nies dwar l-avveniment u tistieden lil parteċipanti. Staqsi partijiet rilevanti (eż. universitajiet, organizzazzjoni tal-bdiewa, organizzazzjoni ta' konsulenza) sabiex tagħmel re-tweet, share, like, eċċ. biex tilħaq udjenza iktar wiesgħa. Iżda kun konxju li dan jista' jirriżulta f'attendenza minn udjenza iktar wiesgħa. Jekk trid timmira lejn grupp speċifiku, jista' jkun li trid tuża listi postali speċifiċi, jew gruppi ta' Facebook, eċċ. | |
| **TAGĦLIM U FAĊILITAZZJONI** | Kif tuża u tintroduċi **varjetà ta' metodi ta' tagħlim?** | | Matul l-avveniment ta' dimostrazzjoni X, se nintegraw il-metodi ta' tagħlim a, b u c u se nevalwaw dawn il-metodi mal-parteċipanti. |
| | X'għandek tagħmel fir-rigward ta' parteċipanti li **jsibuha bi tqila li jaqsmu u jiskambjaw** l-għarfien? | • Jekk tagħmel sottogruppi iżgħar għal diskussjoni, tista' tgħin biex jinħoloq ambjent iktar sigur sabiex il-parteċipanti jkunu jistgħu jaqsmu l-għarfien.<br>• Kun żgur li jkun hemm ukoll xi mumenti informali matul l-avveniment fejn il-parteċipanti jistgħu jsiru jafu lil xulxin.<br>• Inkludi xi eżerċizzji sabiex titneħħa t-tensjoni bejn il-parteċipanti matul l-avveniment (ara wkoll pariri għall-mistoqsija li jmiss).<br>• Agħmel mistoqsijiet u stieden lil parteċipanti speċifiċi biex iwieġbu (dan huwa wkoll mod kif tevita li persuna waħda jew iktar jimmonopolizzaw il-konverżazzjoni).<br>• Aħseb dwar kif trid taqsam il-parteċipanti jekk taqsamhom fi gruppi iżgħar (eż. agħmel grupp ta' "dawk li għadhom jibdew" u grupp "ta' dawk f'livell avvanzat").<br>• Kun żgur li jkun hemm faċilitaturi deżinjati sabiex jiffaċilitaw id-diskussjonijiet (fi gruppi iżgħar ukoll!). | |
| | Liema **għodod** jistgħu jiġu esplorati **biex jgħinu lill-parteċipanti jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom?** | **Xi suġġerimenti**<br>• Ibda d-dimostrazzjoni permezz ta' rawnd ta' introduzzjonijiet fejn kulħadd isir jaf lil xulxin.<br>• Uża eżerċizzju ta' tneħħija ta' tensjoni/enerġizzanti (eż. stasqihom biex jaqsmu fatt divertent; sib 3 affarijiet li għandek komuni mal-persuna ta' ħdejk; eżerċizzju "mega mappa tal-moħħ"; eżerċizzju "arkitett immedjat").<br><br>Ħares lejn dan il-kapitolu mill-Gwida tal-MSP għal spirazzjoni dwar introduzzjonijiet matul avveniment li jista' jgħin lill-parteċipanti jħossuhom iktar komdi flimkien. | Matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni X, se nagħtu attenzjoni speċjali lil għodod biex ngħinu lill-parteċipanti jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom iktar. Se nużaw mill-inqas 2 għodod differenti u nitolbu feedback minn parteċipanti fit-tmiem tal-avveniment.<br><br>*Wara, evalwa liema għodod użajt u kif evalwawhom il-parteċipanti. Agħmel konklużjonijiet għal avvenimenti futuri.* |

| KATEGORIJA | MISTOQSIJA EMERĠENTI | PARIRI | EŻEMPJI TA' GĦANIJIET |
|---|---|---|---|
| **TAGĦLIM U FAĊILITAZZJONI** | Kif tiffaċilita **l-iskambju ta' għardien fi gruppi kbar?** | • **Dan** il-Katalgu ta' Azzjonijiet huwa wkoll sors tajjeb għal għodod ta' faċilitazzjoni (il-katalgu huwa eżitu tal-proġett Engage2020).<br>• Il-Gwida tal-MSP u l-Katalgu tal-Azzjonijiet fil-link ta' hawn fuq jipprovdu ħafna iktar għodod għal faċilitazzjoni u sħubiji b'ħafna partijiet interessati.<br>• *Jekk issib sorsi (online) rilevanti oħra b'għodod ta' faċilitazzjoni, jekk jogħġbok aqsamhom mal-pari/kollegi tiegħek!* | |
| | Kif **tinċentivizza lill-bdiewa** biex jaqsmu għarfien? | Mod faċli huwa sempliċiment li tistaqsi lill-bdiewa x'jixtiequ jiksbu mill-parteċipazzjoni f'avveniment ta' dimostrazzjoni jew ikunu ospitanti ta' avveniment ta' dimostrazzjoni u kun żgur li tissodisfa l-bżonnijiet tagħhom. Barra minn hekk, kun żgur li tinkludi inċentiv fl-istedina tiegħek<br>(X'se jiksbu huma?!). | |
| **EVALWAZZJONI U SEGWITU** | Kif nistgħu **inkejlu l-impatt?** | Dan jibqa' suġġett li diffiċli tindirizzah għax l-impatt tal-kejl jeħtieġ kemmxejn żmien għall-ġabra tad-data u għal analiżi addizzjonali tad-data. L-organizzaturi tad-dimostrazzjonijet jistgħu jikkollaboraw ma' universitajiet u jistaqsu lill-istudenti jwettqu analiżi tal-impatt biex jiksbu informazzjoni intuwittiva. It-tim ta' organizzazzjoni jista' jispeċifika bil-quddiem kif se jkejjel l-impatt tal-avveniment billi jaħseb dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:<br>Meta nikkunsidraw li dimostrazzjonijiet kienet suċċess? X'tip ta' impatt irridu nkejlu?<br>L-impatt tal-metodi użati? L-impatt fuq l-adozzjoni tal-innovazzjoni? | Nikkunsidraw li l-avveniment tad-dimostrazzjoni kien suċċess meta sseħħ X.<br>Se nkejlu l-impatt tal-avveniment tad-dimostrazzjoni tagħna billi nimmonitorjaw Y.<br>Se nkejlu l-impatt tal-metodi użati matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni tagħna billi nimmonitorjaw Z.<br>Se nkejlu l-impatt tal-avveniment tad-dimostrazzjoni fuq l-adozzjoni tal-innovazzjoni billi nimmonitorjaw Z. |
| | Kif **iżżomm konnessjoni** mal-parteċipanti wara l-avveniment? | Xi hubs għandhom esperjenzi tajbin bil-provvista ta' spazju online (bħal grupp ta' Facebook) fejn il-parteċipanti jistgħu jibqgħu jaqsmu l-esperjenzi u jistaqsu mistoqsijiet. Mod kif iżżomm konnessjoni jista' jkun li sempliċiment tagħmel lista ta' indirizzi postali u tibgħat xi informazzjoni addizzjonali, nota ta' ringrazzjament jew stampi/vidjows tal-avveniment (ovvjament waqt li dejjem tikkonforma mar-regoli tal-GDPR ...). | Wara d-dimostrazzjoni X, se noħolqu mod għall-parteċipanti biex iżommu konnessjoni magħna u ma' xulxin u nistaqsu lill-parteċipanti biex jevalwaw il-metodu/metodi tagħna.<br><br>*Tista' tkun iktar speċifiku u ssemmi metodi/għodod li se tittestja u tevalwa. Il-feedback mill-parteċipanti jista' ovvjament jiġi kkunsidrat fl-evalwazzjoni tal-proċess tal-organizzazzjoni tad-dimostrazzjoni wara.* |
| | Kif **tiffaċilita feedback** (fi gruppi kbar) | | Matul l-avveniment tad-dimostrazzjoni X se nużaw il-metodu Y biex niffaċilitaw feedback mill-grupp.<br><br>*Irrifletti fuq l-effettività tal-metodi użata wara u agħmel konklużjoni għal avvenimenti futuri.* |

| KATEGORIJA | MISTOQSIJA EMERĠENTI | PARIRI | EŻEMPJI TA' GĦANIJIET |
|---|---|---|---|
| **DIMOSTRAZZJONIJIET VIRTWALI** | Kif **tipprepara dimostrazzjoni virtwali?** | **Ipprepara ruħek sew, saħansitra iktar milli permezz ta' dimostrazzjoni "regolari"**<br>• Ipprepara programm tajjeb.<br>• Ipprova l-għodod qabel id-dimostrazzjoni.<br>• Ipprepara l-intervent tal-kelliema l-oħrajn magħhom (il-ħin, l-interazzjoni, eċċ.).<br><br>**Ipprepara materjal attraenti**<br>• Uża testimonjanzi: biex tkun ippreparat, b'messaġġi ewlenin u ċari, kelliema moħħhom miftuħ.<br>• Ipprovdi vidjows ta' kwalità għolja (diġà eżistenti jew mibnija speċifikament għad-dimostrazzjoni).<br>• Uża viżwali: stampi, kuluri, ritratti …<br><br>**Tinsiex il-promozzjoni u l-inviti**<br>• Iddiversifika l-kanali: Facebook, WhatsApp, sit web, posta lill-parteċipanti ta' dimostrazzjonijiet/workshops lill-parteċipanti.<br>• Aqsam l-avveniment fuq ġranet differenti jekk jirreġistraw wisq nies. | |
| | Kif **toħloq interazzjoni** f'dimostrazzjoni virtwali? | • Uri vidjow qasir fil-bidu biex in-nies isiru jafu lill-preżentatur u s-suġġett tad-dimostrazzjoni.<br>• Uża polls (Mentimeter) jew "post its" (ħafna għodod online disponibbli, ara l-linji gwida tad-dimostrazzjonijiet virtwali).<br>• Ipprovdi spazju għal diskussjoni: Mistoqsijiet u Tweġibiet miftuħa, chat …<br><br>**Immodera d-diskussjoni**<br>• Agħmel xi regoli tal-bidu dwar kif wieħed għandu jaġixxi f'laqgħa online (eż. li titfi l-mikrofonu tiegħek).<br>• Enfasizza l-importanza li jiġi rrispettat il-ħin, iktar milli waqt dimostrazzjoni regolari.<br>• Il-moderatur u l-faċilitatur għandhom ikunu 2 persuni differenti.<br><br>Tinsiex tagħmel evalwazzjoni, li r-riżultat tagħha jista' jinqasam wara. | |

| KATEGORIJA | MISTOQSIJA EMERĠENTI | PARIRI | EŻEMPJI TA' GĦANIJIET |
|---|---|---|---|
| | Kif titratta **problemi tekniċi?** | **Antiċipa l-problemi tekniċi, anke jekk ma tistax tipprevedi kollox**<br>• Ipprova it-tagħmir elettroniku differenti minn qabel (kompjuter, tablet u mowbajl) biex tkun żgur li jaħdem sew magħhom kollha.<br>• Ipprovdi fuljett biex tuża l-għodda magħżula u ibagħtu lill-parteċipanti ftit ġranet minn qabel.<br>• Ipprovdi grupp ta' WhatsApp jew kwalunkwe appoġġ b'mod parallel mad-dimostrazzjoni biex tgħin lill-persuni li jsibu diffikultà biex jikkonnettjaw.<br>• Aqsam il-links differenti li qed tikkonsulta waqt id-dimostrazzjoni fiċ-chat biex tippermetti lin-nies jarawhom waħedhom jekk il-qsim mal-iskrin ma jirnexxix.<br>• Żomm il-kalma, xi problemi faċli ħafna biex issolvihom.<br><br>**Żgura protezzjoni tad-data personali**<br>• Itlob approvazzjoni meta tutilizza l-webinar.<br>• Ipprovdi lista ta' parteċipanti biex timmpromwovi kuntatti tan-netwerk. | |
| | X'tip ta' linja gwida nistgħu nużaw biex **intejbu l-interazzjoni** matul webinar/dimostrazzjoni virtwali? | **EŻEMPJI TA' PROGRAMMI**<br><br>**Programm orjentat lejn vidjows**<br>• Introduzzjoni mill-moderatur.<br>• 7 vidjows b'ħin għal mistoqsijiet u interazzjonijiet fost il-parteċipanti wara kull vidjow.<br>• Ħin żejjed għal mistoqsijiet fl-aħħar.<br><br>**Moderatur, bidwi tad-dimostrazzjoni u min jagħmel l-intervista**<br>• Għoti ta' Merħba<br>• Wiri ta' Vidjow<br>• Intervista mal-bidwi<br>• Ftuħ ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet<br>• Kwiżż ta' Mentimeter<br>• Tmiem tal-avveniment | |

NEFERTITI
FARMDEMO

## IMSIEĦBA NEFERTITI

Dan il-proġett irċieva finanzjament mill- programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020 tal-Unjoni Ewropea taħt il-ftehim ta' għotja Nru 772705.

## IKTAR GĦODDA FUQ

**trainingkit.farmdemo.eu**